.

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR2/IX/2024**

**It-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**2.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**2.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

2.2 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**2.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 1 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

2.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

## 2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.4.1 Is-Sindku qal li l-ewwel laqgħa li kellu kienet mad-Direttur Eko-Għawdex fejn hu u s-Segretarju Eżekuttiv iddiskutew miegħu l-indafa li għandha tkun il-prijorita' f'Beltna. Qal li t-toroq u l-pjazez ser jibdew jinħaslu aktar sikwit u ġew identifikati postijiet fejn hemm bżonn ta' aktar attenzjoni kemm mill-Kunsill u kemm minn Eko-Għawdex.

2.4.2 Is-Sindku qal li attenda għall-ewwel laqgħa tar-Reġjun Għawdex li saret nhar it-8 ta' Lulju 2024, fl-uffiċċju ta' Reġjun Għawdex.

2.4.3 Kellu laqgħa ma Victor Xerri fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill għandu taħt l-iskema *Community Workers Scheme*.

2.4.4 Iltaqa mal-Arċipriet tal-Katidral fejn il-punt ewlieni li ġie diskuss jirrigwardja l-aċċessiblita' fi Pjazza Katidral.

2.4.5 Is-Sindku ltaqa wkoll mal-Perit Edward Scerri fejn iddiskuta miegħu il-proġetti pendenti fosthom dak ta' Pjazza Santu Wistin u anke' xi proġetti li jista' jidħol għalihom il-Kunsill.

2.4.6 Iltaqa mal-kordinatur tal-LESA f'Għawdex fejn ġew diskussi diversi materji fosthom it-tranġar ta' tabelli u *road markings*.

2.4.7 Iltaqa wkoll ma' Lorry Zammit, rappreżentant tal-Koperattiva Ndafa Pubblika (KIP Għawdex) li tieħu ħsieb il-ġbir tal-iskart fir-Rabat.

2.4.8 Is-Sindku ltaqa ma' Julie Gabelle, *Project Manager* tal-proġett 'Pop in Gozo in Victoria'. Dan il-proġett ser isir bil-parteċipazzjoni ta' 500 mara li qed ikunu jiskopru Bliet diversi fl-Ewropa. Dan il-proġett qed isir sabiex jiġu promossi l-kultura rikka, l-wirt u s-sbuħija t'Għawdex.

2.4.9 Iltaqa mal-Pulizija u l-*Community Police* fejn l-materja primarja kienet l-indafa speċjalment fiċ-ċentru tar-Rabat.

2.4.10 Laqgħa oħra li kellu kienet ma rappreżentanti ta' Transport Malta (TM). Ġiet diskussa l-*bus stop* li hemm quddiem l-Aurora. Il-*hop on hop off bus* qed tieqaf għall-ħin twil f'din il-*bus stop* u qed toħloq konġestjoni kbira fi Triq Repubblika għall-ħin twil. Biex din il-*bus stop* tibqa' hemm TM qed tipproponi li jittieħdu erba' parkeġġi 'l isfel mill-każin biex il-*bus stop* tidħol fihom. Il-membri ma qablux ma' dan is-suġġeriment. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li l-*hop on hop off bus* ma tieqafx iktar f'din il-*bus stop* liema *bus stop* tibqa' tintuża biss mill-*bus* tal-linja. Dan peress li tal-linja kemm tniżżel u ttella n-nies u biex persuni mill-irħula, speċjalment anzjani jkunu jistgħu jinqdew mill-uffiċini u l-banek li hemm fi Triq Repubblika.

2.4.11 Is-Sindku ltaqa wkoll mar-rappreżentant tal-*'Gozo Action Group Foundation'* (GAGF) fejn ġie spjegat lilu l-fondi li l-Kunsill jista' japplika għalihom. Ta' min jinnota li l-massimu tal-fondi li qed jinħarġu mill-GAGF issa sar ta' €50,000.

2.4.12 Għarraf lill-membri li kompla t-taħdidiet ma' Nichelino fejn qed jipprova li grupp folk jipparteċipa fil-fiera ta' Stupinigi ta' din is-sena. Il-membri qablu.

2.4.13 Is-Sindku ssuġġerixxa li meta jkun hemm deċiżjonijiet żgħar li jkunu jridu jittieħdu meta s-Segretarju Eżekuttiv tibgħathom b'emejl, għandu jkun hemm qbil li min ma jirrispondix dwarhom ifisser li l-membru jkun qed jaqbel. Il-membri qablu.

2.4.14 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jaħtar konsulent li jkun persuna li tkun tagħraf fondi Ewropej u lokali u li jkunu addattati sabiex il-Kunsill japplika għalihom u finalment isiru l-proġetti li hemm bżonn. Il-membri qablu.

**2.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

2.5.1 Tressqet Mistoqsija Parlamenti 20707 li tirrigwardja spazji miftuħa fir-Rabat, Għawdex. Din saret fid-9 ta' Lulju. Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet fil-11 ta' Lulju, 2024.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

2.5.2 il-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-iskema maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar fir-rigward tax-'Xogħlojiet ta' Restawr u Proposti ta' Proġetti għal Sqaqien għall-Kunsilli Lokali f'Għawdex 2024'. Il-Kunsill intalab xi kjarifiki u ntalab jelenka l-prijoritajiet tat-tlett applikazzjonijiet li għamel. Il-membri qablu li l-ewwel preferenza għandha tkun ir-restawr tat-tlett statwi li hemm mal-knisja tal-Kapuċċini, it-tieni l-istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Pjazza Savina u t-tielet l-istatwa ta' San Alwiġi Consaga ta' Triq Karita'. Il-Perit qed iħejji d-dettalji tal-kjarifikazzjonijiet li ntalbu. Rigward San Alwiġi Consaga, il-kunsillier Schembri qal li meta waqgħet parti mill-gwarniċ tan-niċċa, s-Surġent Grima mill-*Community Police* kien irrapporta u tqabbad il-Perit Godwin Sultana mill-Ministeru għal Għawdex sabiex iħejji rapport fuq il-ħsara u x'hemm bżonn isir. Il-membri qablu li l-Kunsill jara jekk dan ir-rapport hux lest.

2.5.3 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn:-

i. il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjni għall-Fond t'Aġġustament 2024 ġiet aċċettata u l-Kunsill għadu jirċievi €10,000 fil-ġranet li ġejjin;

ii. il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jirċievi l-finanzjament li jkopri parti mis-salarju tal-impjegata fi ħdan il-*Community Inclusive Employment Scheme* għall-2025;

iii. intbagħatu l-linji gwida għall-iskema tal-*Cat Feeders*. Il-Kunsill Lokali ser jimla l-applikazzjoni;

iv. inbagħtet SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (estensjoni);

2.5.4 l-Awtorita' tal-Artijiet:-

i. li kkonfermat li t-triq fejn il-Kunsill irid li tissemma għal Suor Marċellina Tabone, hija pubblika. Il-Kumitat għal Ismijet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar ġie mgħarraf b'dan;

ii. tat il-kunsens tagħha sabiex *area* fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex tintuża bħala *bring in site*. L-Awtorita' tal-Ippjanar għandha tiġi nfuramta b'dan;

2.5.5 l-*Education Officer (Primary Science)* fi ħdan id-Direttorat STEM u VET *Programmes* rigward il-*Junior Science Club* li jsir fil-bini tal-Kunsill kull nahr ta' Tlieta matul is-sena skolastika. Il-membri qablu li jerġgħu isiru żewġ klassijiet u għandhom jinħarġu l-applikazzjonijiet għall-istudneti nteressati;

2.5.6 Reġjun Għawdex rigward il-proġett – 'Youths from Ukraine – Solidarity Project by the Gozo Regional Council' fejn jiġu ospitati tfal Ukreni li jkunu milquta direttament mill-gwerra. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu ħsieb in-nofs ta' nhar tat-22 t'Awwissu 2024;

2.5.7 sid ta' kafetterija fi Pjazza Indipendenza talab li jerġgħu jiġu mmarkati l-ispazji allokati għall-imwejjed u s-siġġijiet fi Pjazza Indipendenza għal-kull kafetterija jew ristorant li għandhom il-permess f'din il-pjazza. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob dan lill-Awtorita' tal-Artijiet;

2.5.8 il-'Malta Foundation for the Wellbeing of Society' li qed tiftaħ sejħa għall-applikazzjonijiet għall-voluntiera għall-Kunsilli Lokali tat-Tfal;

2.5.9 resident fi Triq il-Mitħna li talab għall-bankina ġdida quddiem 'Marżiena Court'. Billi qatt ma kien hemm bankina u dan hu post ġdid saret it-talba biex issir minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar

2.5.10 Galea Curmi Engineering fejn tresqet l-istima għall-trinka, arblu u bozza ġdida fi Triq Ġorġ Pisani. L-ispiża tammomta għall-€5,115.80. Billi din it-triq qed tinbena mill-Gvern Ċentrali, il-membri qablu li l-ewwel għandha titlesta t-triq;

2.5.11 resident fi Triq Sette Gugnio 1919 fejn issuġġerixxa li jsir *gutter* għall-ilma bħal ma saru fit-toroq Manwel Dimech u Santa Dminka. Il-membri qablu li dan is-suġġeriment jitressaq quddiem il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar peress li dawn il-*gutters* kienu xogħol tal-Ministeru;

2.5.12 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward GS/50033/21 – *Joint Application* sottomessa mill-Kunsill u l-SK Victoria Wanderers - 'Setting up of a Sports Facility for the Community' fi Triq taħt Putirjal. Dan il-ftehim jirrigwardja l-ammont li ser jiġi allokat mid-*Development Planning Fund* għal dan il-klabb tal-futbol biex tinbena l-faċilita' sportiva u l-klabb;

2.5.13 is-Soċjeta' Filarmonika Leone fejn infurmat lill-Kunsill li għandha l-ħsieb li tissottometti applikazzjoni għas-sejħa 'GAGF – GAG4 – Rejuvenatig Gozo'. Rekwiżit fl-applikazzjoni hu l-approvazzjoni u s-sapport tal-Kunsill.

2.5.14 l-'Aurora Folk Group' fejn wrew l-interess li jipparteċipaw f'festivals li jiġu organiżżati mill-Kunsill;

2.5.15 sid ta' kiosk li talab sabiex jarma l-kiosk tiegħu fil-parkeġġ tal-isptar. Il-membri ma qablux ma dan peress li l-Kunsill hu nfurmat li l-*area* kollha ser tiġi riġenerata mal-proġett tal-isptar.

2.5.16 il-kor *Gaulitanus* fejn feraħ lill-Kunsill il-ġdid.

## 2.6 Immaniġjar tat-Traffiku

Transport Malta (TM) approvat:-

2.6.1 *one metre double yellow line* fuq ġenb ta' garaxx ta' 'St. Joseph', fi Triq it-Tabib Anton Tabone;

2.6.2 il-bdil tal-ħinijiet tal-egħluq tat-triq li jakkomoda SkolaSajf li ssir fil-'Gozo College Victoria Middle School'. Il-ħinijiet huma bejn it-08:15 u d-8:45 u bejn nofsinhar u s-12:45.

TM bagħatet korrispondenza rigward:-

2.6.3 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Grace Vella, Blokk HA, Flat 3, Taċ-Ċawla. Il-membri qablu li timtela l-formola rikjesta minn TM;

2.6.4 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Marguerite Tabone, 14, Pjazza San Franġisk. Il-membri qablu li timtela l-formola rikjesta minn TM;

2.6.5 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Scarlett Parnis ta' 45, 'Maria Hse.', Triq ta' Wara s-Sur. Il-membri qablu li timtela l-formola rikjesta minn TM;

2.6.6 rapport fejn juri s-siġar li hemm bżonn li jinżabbru fit-toroq li minnhom jgħaddu l-*open top buses*. Iż-żbir hemm bżonn li jsir sabiex jiġu evitati inċidenti li jistgħu jinqalgħu. Fir-Rabat iridu jinżabbru siġar fit-toroq l-Arċisqof Pietru Pace, Santa Dminka u fi Triq il-Kapuċċini li huma arterji. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb iż-żbir tas-siġar li hemm fit-toroq Ġorġ Borġ Olivier u Ninu Cremona.

2.6.7 Intalab *un/laoding bay* quddiem 'Casa Grech' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier fejn hemm ħanut li jbiegħ ix-xorb *in bulk*. TM irrispondiet li fuq il-kwistjoni tal-*un/laoding* f'din it-triq qed jistennew mill-Kunsill. Il-pjanti li kien ressaq il-Kunsill huma approvati imma billi fi Triq Ġorġ Borg Olivier hemm ħafna *un/laoding bays* u ħafna mill-ħwienet għalqu, TM iddeċidiet li għandu jkun il-Kunsill li jara liema minn dawn l-*un/laoding bays* għandhom jitneħħew. Il-Kunsill mhux l-entita' li toħroġ il-permessi għall-*un/loading bays* u m'għandux ikun il-Kunsill li jara liema minn dawn il-parkeġġi għandhom jitneħħew.

Tressqet korrispondenza:-

2.6.8 mingħand l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma rigward iż-żieda ta' *electric charging pillars*. Il-membri qablu li jiżdiedu erba' postijiet li huma fejn il-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone, fi Triq Manwel Dimech, Triq Patri Ġiaċintu Camenzuli u fi Triq Għajn Qatet mal-ħajt tal-Isptar. Dawn għandhom ikunu *medium charge* peress li l-kbar qed jikkawżaw ħafna storbju waqt li jkunu jintużaw;

2.6.9 sabiex *issir un/laoding bay* quddiem il-*warehouse* ta' 'Grech's Lighting & Interiors' fi Triq l-Ewropa. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM;

2.6.10 sabiex isir *communal reserved parking bay* quddiem 16, Triq Sette Giugno fejn hemm persuna b'diżabilita'. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM;

2.6.11 biex issir tabella 'No Parking for Heavy Vehicles' fi Triq l-Universitas. Dan peress li vetturi kbar/*containers* qed jitħallew ipparkjati f'din it-triq għal xhur sħaħ. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM;

2.6.12 mingħand resident fi Triq Vajrinġa li qed jissuġġerixxi li Triq Enriko Mizzi ma tibqax *one way* għar-residenti tal-ewwel parti ta' Triq Vajrinġa. Il-Kunsill kien qabel ma, din il-proposta. Waqt id-diskussjoni, l-membri qablu li jiġi suġġerit lil TM li peress li l-klinika tal-Gvern m'għadiex fi Triq Enriko Mizzi, din għandha terġa ssir *two way*;

2.6.13 biex isiru *bollards* quddiem l-entratura tal-bini tal-'Victoria Scout Group' fi Triq Santa Dminka peress li qed jipparkjaw il-vetturi b'tali mod li ma tkunx tista' tidħol fil-bini. Intbagħtet il-korrispondenza lill-TM fejn din qalet li hi kwistjoni ta' infurzar;

2.6.14 mingħand resident li joqgħod fil-bidu ta' Triq San Anard kantuniera mal-Wied ta' Żejta. Fl-2020 kien ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm diversi inċidenti f'din it-triq. Issuġġerixxa li jsiru *crash barriers* u l-Kunsill kien qabel mal-proposta. TM qablet li jsiru *traffic calming measures* f'din il-parti tat-triq. Dan ir-resident reġa' ġibed l-attenzjoni ta' TM peress li s'issa għad ma sar xejn konkret sabiex jipprevjenu milli jsiru aktar inċidenti;

2.6.15 mingħand residenti fi Triq ta' Wara s-Sur. Din it-triq qed tinbena mill-ġdid mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Dan ressaq diversi suġġerimenti għal din it-triq. Peress li Triq ta' wara s-Sur hi arterja, il-membri qablu li din il-korrispondenza għandha titressaq quddiem TM;

2.6.16 mingħand residenta fi Triq Dun Pawl Micallef. Qed tgħid li l-vetturi tqal qed jolqtu l-gallarija. Soluzzjoni hi li jitneħħa l-parkeġġ fuq in-naħħa l-oħra tat-triq pero' l-Kunsill ma jixtieqx li jonqsu l-parkeġġi u anke' meta tikkunsidra li din it-triq hi *one way*. Soluzzjoni tista'tkun li jintalab il-peremss ta' TM sabiex ma jitħallewx jgħaddu vetturi ta' ċerta għoli.

2.6.17 Kif kien sar qbil fil-Kunsill preċedenti, tressqet pjanta li turi r-*road markings* fi Triq l-10 ta' Ġunju. Din ġiet evalwata mill-membri u ġie deċiż li tlieta mill-ħames *un/laoding bays* li hemm ikunu *un/laoding* biss sa nofsinhar. Wara li titranġa l-pjanta, tintbagħat għall-approvazzjni ta' TM.

Il-membri qablu li:-

2.6.18 jintalab il-permess ta' TM sabiex il-Kunsill ikollu parkeġġ riservat fi Triq il-Kastell;

2.6.19 isir *bollard* ieħor quddiem it-taraġ tal-Knisja ta' Savina peress li dan qed jitkisser bil-vetturi li jgħaddu minn fuqu.

## 2.7 Dekastri

2.7.1 Is-Sindku propona li d-dekasteri jitqassmu hekk:

| | |
|---|---|
| Kultura u Infrastruttura/Proġetti | Is-Sindku |
| Edukazzjoni u Innovazzjoni | Il-Viċi Sindku |
| Integrazzjoni Soċjali u ħarsien tal-Annimali | Mariella Abela |
| Żgħażagħ u tfal u Qasam Soċjali | Josef Schembri |
| Sports u Attivitajiet Fiżiċi | Joseph Debrincat |
| Indafa u Ambjent | Michel Buttigieg |
| Anzjani u Komunitajiet | Marcell Tabone |

2.7.2 Il-membri qablu.

## 2.8 *Playing Field*

2.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jistenna l-proġett tal-'Victoria Urban Upgrade' propost mill-'Gozo Regional Development Authority' u jħalli l-*playing field* tiddeterjora għas-

skapitu tat-tfal li jużawha. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jakkwista fondi sabiex il-*playing field* tiġi *upgraded*. Il-membri qablu.

2.8.2 Waqt li ddiskuta din il-materja mal-Perit Scerri, is-Sindku ssuġġerixxa li l-i*skate park* jitneħħa u l-*area* ssir speċifikament għal tfal żgħar (*toddlers*) u l-ġenituri tagħhom. Il-membri qablu.

2.8.3 Inġibdet l-attenzjoni fir-rigward tal-*fence* li qed idawwar il-parti ta' fuq tal-*playing field* li qed jagħti dehra kerha fi Triq taħt Putirjal. Is-Sindku qal li dan dejjem jitranġa peress li jaqilbuh. L-istess *fence* ma jistax jintmess peress li hemm mandat fuqu li sar lill-S.K. Victoria Wanderers. Qal li għandu jinstab mod kif dan ikun iktar sod. Il-membri qablu li jiġi suġġerit sabiex il-bankijiet li hemm wara l-*fence* jitpoġġew quddiem il-*fence* biex ikunu jistgħu jintużaw mill-pubbliku.

2.8.4 Is-Sindku qal li ta ordni lill-kuntrattur li jieħu ħsieb il-*playing field* sabiex din tibda tingħalaq fil-ħin li suppost. Kien qed iħalliha miftuħa peress li kien għad ikun hemm in-nies fil-*playing field*. Il-membri qablu li tingħalaq fil-ħin li suppost.

**2.9 Sala tal-Kunsill**

2.9.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li titranġa s-sala l-kbira.

2.9.2 Il-membri qablu li din ssir b'mod professjonali sabiex isservi bħala *multi-purpose hall* fil-bini amministrttiv tal-Kunsill Lokali.

**2.10 *Update* – Pjazza San Ġorġ**

2.10.1 Is-Sindku qal li wara l-protesta li saret mill-Parroċċa ta' San Ġorġ u NGO's oħra rigward l-imwejjed u s-siġġijiet li ħonqu din il-pjazza, saret laqgħa mal-Ministri konċernati sabiex din il-materja tiġi diskussa b'mod serju. Il-laqgħa ntalbet u saret fil-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju, 2024. Is-Sindku kkordina l-attendenza u l-parteċipazzjoni fil-laqgħa. Mas-Sindku kien hemm preżenti l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, il-Ministru tal-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika flimkien ma' l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Is-Sindku qal li ħass li kellu jistieden ukoll lilll-President tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella. Minn naħħa tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella attenda s-Segretarju Ġenerali tal-każin, peress li l-President kien imsiefer.

2.10.2 Is-Sindku tenna li kienet laqgħa pożittiva ferm u r-riżultat wera, peress li l-miżuri li ttieħdu ftit ġranet wara kienu fuq dak li ġie deċiż waqt din il-laqgħa.

2.10.3 Waqt il-laqgħa ssemma l-*masterplan* li l-Gvern Ċentrali jixtieq li jaddotta għal din il-Pjazza. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li wara li saret l-ispezzjoni xorta għad hemm it-tgerfix fejn jidħlu umbrelel u tined. Fil-*masterplan* għandha tiġi nkluża wkoll Triq San Ġużepp. Bil-merċa li joħorġu tal-ħwienet ta' din it-triq, xorta ma tidħolx ambulanza jew *fire engine* fi Pjazza San Ġorġ. Ma' din imbagħad jidħlu wkoll t-toroq Sir Mikelanġelo Refalo u l-Arċipriet Saver Cassar, peress li dawn it-toroq jinsabu fl-istess sitwazzjoni ta' Triq San Ġużepp.

2.10.4 Is-Sindku qal li jrid jinħoloq bilanċ. Hu appella għall-kawtela anke' fejn jirrigwardjaw *posts* fuq *Facebook*. Qal li l-infurzar jista' isir biss minn naħa tal-pulizija. Il-Kunsill m'għandu ebda' setgħa li jinforza u fuq din il-kwistjoni l-Kunsill hu l-aktar entita' li mexa bir-responsabilita' tiegħu. Il-Kunsill qed jagħmel aktar milli suppost.

2.10.5 Is-Sindku tenna li l-Kunsill għandu jistabilixxi għandux dritt ineħħi l-imewjjed u s-siġġijiet mill-pjazzez meta jkun hemm attivitajiet.

2.10.6 Sid il-ħanut 'Roża' staqsa għalfejn qed jitneħħew l-imwejjed u s-siġġijiet tiegħu biex jidħlu l-vetturi tal-funerali u tat-tiġijiet. Il-Kunsill jinnota li dan jitneħħa dejjem peress li l-imwejjed tiegħu jitpoġġew eżatt fil-bokka tal-pjazza. Jinnota wkoll li mhux tiegħu biss jitneħħew iżda jitneħħew ukoll ħwienet oħra biex jidħlu u jiġu pparkjati l-vetturi tal-funerali u tat-tiġijiet. Il-membri qablu li l-Kunsill jibqa' jimxi b'din il-proċedura, liema proċedura kienet suġġerita wkoll mill-Awtorita' tal-Artijiet.

2.10.7 Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jkun imdaħħal f'kull fażi tal-*masterplan* li qed ikun suġġerit li jsir mill-Gvern Ċentrali. Dan għandu jiġi komunikat lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

**2.11 Festa San Ġorġ**

2.11.1 Il-membri qalu li l-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-organiżżazzjoni tal-festi titulari. Dan bil-għan li jiġi promoss ix-xogħol volontarju li jsir.

2.11.2 Il-membri qablu li jsiru żewġ bukketti tal-fjuri quddiem il-vari fil-festi titulari ta' San Ġorġ u ta' Santa Marija.

**2.12 *Bollards* Pjazza Indipendenza**

2.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet r-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni.

2.12.2 Il-membri qablu li dan għandu jiġi evalwat bir-reqqa sabiex tittieħed l-aħjar deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

**2.13 Offerta – Tindif ta' Toroq**

2.13.1 Fuq l-aħħar offerta li nħarġet tressaq appell quddiem il-*Public Contracts Review Board* (PCRB). L-appell intilef mill-offerent li ressqu. Il-Kunsill jsita' issa joħroġ offerta ġdida.

2.13.2 Il-membri evalwaw il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-offerta u qablu li jiżdiedu dawn il-kundizzjonijiet:-

i. Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq Santa Marta, Triq San Ġużepp Labre' u Pjazza J F Kennedy jibdew jinkinsu tlett darbiet fil-ġimgħa minflok darbtejn;

ii. Pjazza Indipendenza u t-toroq ta' madwarha jinkinsu filgħaxija fil-ġranet tas-sajf u f'5 okkażjonijiet oħra matul is-sena, fosthom l-attivita' tal-ewwel tas-sena, il-Karnival, n-Notte Bianca u festivals u kunċerti li jsriu matul is-sena fi Pjazza Indipendenza.

**2.14 Offerta – Xiri ta' Litter Bins**

2.14.1 Din l-offerta tagħlaq fid-19 ta' Lulju 2024.

2.14.2 Il-membri qablu li l-bord tal-evalwazzjoni għandu jkun kompost miċ-*Chairman* William Sultana, Segretarja Miriam Attard u l-membri l-*Accountant* Daniel Galea, l-Enginier Mario Cauchi u Fabian Galea.

**2.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

2.15.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Lulju 2024, skont dokument A anness**.**

**2.16 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

2.16.1 tintalab laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar. Fost oħrajn fuq l-aġenda għandu jkun hemm il-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone, Pjazza San Ġorġ, l-entratura tal-Banca Giuratale u Pjazza Santu Wistin.

2.16.2 l-Kunsill jinnomina lis-Sur Charles Bezzina għas-Sħubija f'Ġieħ ir-Repubblika jew fl-Ordni Nazzjonali tal-Mertu jew għall-Għoti ta' Midalja tar-Repubblika;

2.16.3 jinbidlu l-bokkok tal-ħadid li hemm fiż-żewġ entraturi tax-xelter ta' Triq id-Dejqa. Dan peress li dawk eżistenti spiċċaw u huma perikolużi;

2.16.4 tinħareġ l-offerta sabiex isiru *CCTV cameras* li ġew approvati mill-iskema finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati. Dan wara li l-Enġinier li ġie mqabbad, iħejji l-kundizzjonijiet speċifiċi;

2.16.5 wara li nħarġet offerta għax-xogħol ta' tisqija u manteniment tal-qsari li hawn fiċ-ċentru tar-Rabat, l-bord ta' aġġudikazzjoni għandu jkun hekk:- *Chairman* William Sultana, Segretarja Miriam Attard u l-membri l-*Accountant* Daniel Galea, l-Enginier Mario Cauchi u l-Avukat Larry Formosa;

2.16.6 jinżabbru s-siġar fejn hemm l-arbli tad-dawl fil-parkeġġ il-kbri ta' wara l-*Bus Terminus*. Dan sabiex matul il-lejl ma jkunx hemm xkiel għas-*CCTV cameras* ta' faċċata tal-*bring in site*;

2.16.7 jsiru għotien b'forma ta' gradi madwar is-siġar ta' Pjazza Indipendenza u jitranġa l-irħam li hemm imkisser madwar u f'din il-pjazza;

2.16.8 titranġa bankina miksura quddiem 67 fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex;

2.16.9 jintalab il-permess minn naħa ta' l-awtorita' konċernata sabiex fil-Wied ta' Żejta ssir tabella li turi li l-annimali li hemm huma protetti. Il-Kunsill għandu jistaqsi wkoll jekk jistax jinġibed ilma minn dan il-wied;

2.16.10 jinxtara *laptop* għall-uffiċċju tas-Sindku;

2.16.11 wara l-festa ta' Santa Marija, meta jiżżarma l-armar, jitpoġġew żewġ qsari kbar bil-bokka ta' Triq l-Arċipriet Saver Casar biswit il-Banca Giuratale. Dan peress li f'din il-parti tat-triq li hi wkoll pedonali, qed jipparkjaw vetturi b'tali mod li jimblukkaw it-traffiku kollu li jkun għaddej minn Triq Repubblik u Triq Sir Adrian Dingli.

## 2.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-12:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data ta' l-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 8 t'Awwissu, 2024.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |